



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2020
COM(2020) 93 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku

{SWD(2020) 54 final}

Introduzzjoni

Ħamsa u tletin sena ilu, f'Ġunju tal-1985, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat White Paper lill-Kunsill Ewropew dwar it-tlestija tas-suq uniku. Il-messaġġ kien ċar: ejjew nimxu 'l quddiem b'integrazzjoni vera, li tissodisfa l-ambizzjonijiet tat-Trattat ta' Ruma jew nergħu lura għall-medjokrità, billi nħallu l-Ewropa ssir biss żona ta' kummerċ ħieles.

L-UE għażlet it-triq ta' integrazzjoni aktar mill-qrib, u llum għandna l-akbar suq uniku fid-dinja, b'aktar minn 447 miljun konsumatur u sa 56 miljun impjeg li jiddependu fuq il-kummerċ fis-suq uniku.

Bl-iskala u l-integrazzjoni tiegħu, is-suq uniku xpruna l-pożizzjoni u l-influwenza tal-UE fid-dinja. Il-prinċipji, il-valuri u l-istandards tiegħu jirfdu r-rwol attiv u fuq quddiem nett tal-UE għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli u kundizzjonijiet ekwi lokalment u lil hinn.

L-Ewropa issa tinsab fuq quddiem nett fit-tranżizzjoni doppja lejn newtralità tal-klima u tmexxija diġitali. Il-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tas-suq uniku f'dan il-kuntest huma waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni għall-ħames snin li ġejjin.

Minkejja l-kisbiet reali tas-suq uniku, in-negozji u l-konsumaturi xorta għadhom jirrapportaw ħafna intoppi. F'Ottubru 2018, fl-aħħar Parlament Ewropew tal-Intrapriżi, kważi 70 % tan-negozji wiegħbu fin-negattiv meta ntalbu l-opinjoni tagħhom jekk is-suq uniku hux integrat biżżejjed.

Din il-Komunikazzjoni tqis l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tan-negozji u tal-konsumaturi li jippruvaw jużaw is-suq uniku ta' kuljum ("l-utenti") bħala l-punt tat-tluq biex tidentifika l-ostakli ewlenin li fadal tul il-passi tal-"perkorsi" rispettivi tagħhom lejn attivitajiet transfruntieri.

Abbażi tal-evidenza miġbura f'żewġ rapporti¹, din il-Komunikazzjoni toħroġ fid-dieher 13-il ostaklu ewlenin mill-perspettiva tal-utent. Minn din jidher li l-ostakli m'għandhomx biss natura regulatorja jew amministrattiva, iżda anki natura Prattika. Fil-prattika, negozju jew konsumatur ħafna drabi jġarrbu bosta restrizzjonijiet fl-istess ħin meta jkunu qed joperaw madwar l-UE. Fl-aħħar nett, l-aktar utenti penalizzati minn din is-sitwazzjoni huma l-intrapriżi żgħar u medji (l-SMEs) u l-professionisti.

Kull ċittadin Ewropew għandu d-dritt għall-aħjar u l-aktar għażla wiesgħa ta' prodotti, servizzi, impjiegi u opportunitajiet intraprenditorjali li jista' joffri s-suq uniku u m'għandux jitwaqqaf milli jgawdi dan.

Għal toroq 'il quddiem fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri, il-Komunikazzjoni tidentifika ħames kawżi ewlenin kbar għal dawn l-ostakli: l-għażliet regulatorji fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni, il-kapaċità amministrattiva u l-prattiki fl-Istati Membri, l-ambjent ġenerali tan-negozju u tal-konsumaturi, u kawżi ewlenin li mhumiex marbuta mal-politika pubblika bħal-lingwa jew il-kultura. Fost dawn, id-diffikultajiet relatati mal-ambjent ġenerali tan-negozju u tal-konsumaturi huma importanti għax jaffettwaw lill-utenti domestiċi u lil dawk minn Stati Membri oħra bl-istess mod.

F'Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew appella lill-UE u lill-Istati Membri biex ineħħu l-ostakli mhux ġustifikati li fadal għas-suq uniku, u saħaq li m'għandu jinħoloq l-ebda ostaklu ġdid.

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Business Journey on the Single Market: Practical Obstacles and Barriers"; it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumaturi tal-Kummissjoni: konsumaturi domestiċi fis-suq uniku – l-edizzjoni tal-2019.

Lostakli identifikati f'din il-Komunikazzjoni u l-kawżi ewlenin tagħhom jeħtieġ jiġu indirizzati b'taħlita ta' miżuri fil-livell tal-UE u anki fil-livell nazzjonali: id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u komunikazzjoni aħjar li tgħin lill-utenti waqt il-perkors tagħhom, leġislazzjoni ġdida u mtejbja tal-UE meta meħtieġ, implimentazzjoni aħjar u, fl-aħħar mill-aħħar, infurzar.

L-infurzar, bħala qasam ewlieni ta' azzjoni, tindirizzah il-“Komunikazzjoni dwar Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku”², li tistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għal sħubija mġedda mal-Istati Membri.

L-Istrateġija l-Ġdida għall-Industrija għall-Ewropa³ tal-lum tenfasizza li suq uniku b'saħħtu u integrat hu xprun u prekundizzjoni għal industrija tal-UE kompetittiva. Biex is-suq uniku jaħdem għal kulħadd, il-liġi tal-UE ddaħħal fis-seħħ regoli komuni biex jixxejnu l-ostakli u teħfief iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija u tas-servizzi fl-UE kollha, filwaqt li jitħarsu wkoll il-konsumaturi. Dan ir-rapport juri wkoll li meta s-suq uniku ma jirnexxilux jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, aktarx l-aktar li jbatu huma l-SMEs u ċ-ċittadini minħabba r-riżorsi limitati tagħhom. B'mod partikolari, in-negozji l-ġodda u l-SMEs innovattivi ħafna ma jitħallewx isiru atturi kompetittivi fuq skala internazzjonali. L-Istrateġija tal-SMEs għal Ewropa sostenibbli u digitali⁴ li ġiet adottata llum ukoll, tistabbilixxi miżuri mmirati oħrajn li jgħinu lill-SMEs jisfruttaw aħjar is-suq uniku.

Din il-Komunikazzjoni torbot ukoll mas-Semestru Ewropew, li matulu t-tneħħija tal-aktar piżijiet regolatorji u amministrattivi problematiċi hi tħassib kontinwu, torbot ukoll mal-għodod għal regolamentazzjoni aħjar fil-livell tal-UE.

L-adattament tas-suq uniku għall-isfidi ta' żmienna hu mira ambizzjuża filwaqt li funzjonament aħjar tas-suq uniku jipprovi potenzjal ekonomiku li għadu mhux sfruttat. Aġġornament riċenti ta' studju tal-Parlament Ewropew imsejjaħ “Il-Kost tan-Non-Ewropa”⁵ jistma li l-benefiċċji mit-tneħħija tal-ostakli li fadal biex jinkiseb suq uniku għall-prodotti u s-servizzi li jiffunzjona bis-sħiħ jistgħu jammontaw għal EUR 713-il biljun sa tmiem l-2029.

Li jinkisbu l-benefiċċji tas-suq uniku hi responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Hu importanti li nissalvagwardjaw l-integrità tas-suq uniku tal-UE minn sfidi esterni daqskemm hu importanti li nsahhuh internament. Il-Kummissjoni lesta żżid l-isforzi tagħha u tgħin lill-Istati Membri jiksbu suq uniku li jwettaq il-wegħdiet tiegħu.

I. IL-PERSPETTIVA TAL-UTENT: L-AKTAR OSTAKLI RRAPPURTATI TA' SPISS

Din il-Komunikazzjoni hi msejsa fuq żewġ rapporti tal-Kummissjoni⁶. L-ewwel wieħed, ippublikat fl-istess ħin ma' din il-Komunikazzjoni, jiffoka fuq l-ostakli fil-prattika għas-suq uniku kif perċepit min-negozji. Dan jibni fuq sorsi li jaqbd u l-perċezzjonijiet tan-negozji li beħsiebhom ikunu attivi fis-suq uniku jew li diġà huma attivi fih. Fost dawn is-sorsi hemm stħarriġiet dwar negozji, bażijiet tad-*data* u analiżijiet. Barra minn hekk, saret konsultazzjoni mal-Kmamar tal-Kummerċ biex tinkiseb

² COM(2020)94 10.03.2020.

³ COM(2020)102 10.03.2020.

⁴ COM(2020)103 10.03.2020.

⁵ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/631745/EPRS_STU\(2019\)631745_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/631745/EPRS_STU(2019)631745_EN.pdf)

⁶ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni “Business Journey on the Single Market: Practical Obstacles and Barriers”; it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumaturi: konsumaturi domestiċi fis-suq uniku – l-edizzjoni tal-2019.

stampa aktar komprensiva tal-ostakli differenti. L-analiżi tibni wkoll fuq l-għarfien espert intern tal-Kummissjoni. F'dan ir-rapport iddaħħlu l-ostakli li ġew irrappurtati b'mod konsistenti minn persentaġġ ġmielu tan-negozji mistħarrġa u/jew dawk li ġew irrappurtati b'mod konsistenti minn sorsi differenti. It-tieni rapport, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumaturi tal-UE, ippubblikat f'Novembru 2019, hu bbażat fuq sħarriġ sottostanti tal-attitudnijiet tal-konsumaturi fir-rigward tal-kummerċ transfruntier. Iż-żewġ rapporti jipprovdu stampa tal-ostakli fis-suq uniku kif perċepiti mill-utenti tiegħu u ma jiddikjarawx li huma eżawrjenti.

Abbażi tal-evidenza miġbura f'dawn iż-żewġ rapporti, din il-Komunikazzjoni tiffoka qabelxejn fuq l-ewwel 13-il ostaklu għall-attività transfruntiera, kif ġie rrapurtat b'mod mill-aktar komuni min-naħa tan-negozji (fir-rigward tal-kummerċ jew l-istabbiliment transfruntier) u min-naħa tal-konsumaturi (fir-rigward tax-xiri transfruntier ta' oġġetti jew servizzi).

L-ostakli ppreżentati jsegwu l-passi ewlenin tal-“perkorsi” li jagħmlu n-negozji u l-konsumaturi fis-suq uniku, kif jidher fil-kaxxa hawn taħt.

Il-passi ewlenin tal-perkors tan-negozji jinkludu: tinġabar l-informazzjoni biex titħejja tranżazzjoni (u/jew espansjoni) transfruntiera; jintlaħqu r-rekwiżiti għall-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi; il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ; it-twassil; is-servizzi ta' wara l-bejgħ u s-soluzzjoni tat-tilwim; it-taxxi; (passi addizzjonali fil-każ tal-istabbiliment) tiġi stabbilita l-attività kummerċjali; l-ingaġġ tal-persunal; l-investment u l-finanzjament.

Il-passi ewlenin tal-perkors tal-konsumaturi jinkludu: tinġabar l-informazzjoni dwar prodott/servizz; ix-xiri; il-ħlas; il-kisba tat-twassil; l-attivitajiet ta' wara l-bejgħ u s-soluzzjoni tat-tilwim.

Tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għat-thejjja tat-tranżazzjonijiet u/jew tal-espansjoni transfruntieri

1. In-negozji jirrappurtaw diffikultajiet biex jiksbu l-informazzjoni, mhux biss fuq l-opportunitajiet tas-suq u s-sħab kummerċjali potenzjali, iżda anki fuq ir-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

Skont sħarriġ riċenti⁷, 31 % tal-SMEs b'esperjenza fl-esportazzjoni u 21 % tal-SMEs mingħajr din l-esperjenza, jidentifikaw id-diffikultà biex isibu sħab kummerċjali fi Stat Membru ieħor bħala ostaklu għan-negozju fis-suq uniku. Barra minn hekk, 22 % u 11 %, rispettivament, jirrappurtaw li ma jafux imnejn jistgħu jiksbu informazzjoni dwar opportunitajiet potenzjali tas-suq. Anki l-Kmamar tal-Kummerċ Ewropej iddikjaraw li n-nuqqas ta' aċċessibilità għal informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti kklassifika fit-tielet post fost l-ostakli għas-suq uniku li rrapurtaw 69 % tal-membri tagħhom li wiegħbu⁸. Skont sħarriġ riċenti ieħor li jiffoka fuq l-akbar ħames ekonomiji tal-UE, in-nuqqas ta' għarfien tar-regoli li jridu jiġu segwiti hu ostaklu għal 31 % tal-SMEs mingħajr esperjenza fl-esportazzjoni u għal 9 % tal-SMEs b'esperjenza fl-esportazzjoni fl-akbar ħames Stati Membri⁹.

⁷ Iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej “Hidden Treasures: Mapping Europe’s sources of competitive advantage in doing business”, 2019 (Ir-Rapport “Hidden Treasures”).

⁸ Il-Eurochambres, “Business survey – EU Internal Market: Barriers and Solutions”, 2019.

⁹ Iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej “Hidden Treasures: Mapping Europe’s sources of competitive advantage in doing business”, 2019 (Ir-Rapport “Hidden Treasures”).

Jintlaħqu r-rekwiżiti u tinkiseb konformità mal-proċeduri għall-bejgħ ta' merkanzija u servizzi

2. In-negozji jirrappurtaw proċeduri amministrattivi peżanti u kumplessi meta jiġu biex ibigħu merkanzija jew servizzi fi Stat Membru ieħor.

Bosta stħarriġiet riċenti jikkwotaw b'mod konsistenti l-“proċeduri amministrattivi kumplessi” fost l-aktar ostakli serji għas-suq uniku imsemmija min-negozji, u b'mod partikolari l-SMEs. Fost dawn, ħafna drabi l-proċeduri għall-istazzjonar tal-ħaddiema fi Stat Membru ieħor jiġu identifikati fil-qasam tas-servizzi, filwaqt li fl-istħarriġ riċenti tal-Kmamar tal-Kummerċ Ewropej dawn huma meqjusa bħala ostaklu minn 58 % ta' dawk li wiegħbu¹⁰. Minn fost dawk li wiegħbu l-istħarriġ li għamlet l-organizzazzjoni kummerċjali Finlandiża¹¹, 22 % iqisu dan bħala ostaklu sinifikanti jew sinifikanti ħafna. Minn fost il-kawżi kummerċjali ta' SOLVIT li ġew irreġistrati fl-2018, 10 % għandhom x'jaqsmu ma' diffikultajiet ta' stazzjonar tal-ħaddiema¹².

Filwaqt li l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jindirizza għadd ta' ostakli li ilhom pendenti b'rabta mal-varar tan-networks, fosthom id-disponibbiltà fil-ħin tal-ispettru 5G, għad fadal bosta ostakli. Ġew irrappurtati proċeduri kumplessi u/jew peżanti għall-għoti ta' permessi/liċenzji b'mod partikolari f'għadd ta' setturi tas-servizzi, inkluż fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, fis-servizzi professjonali u fis-settur tal-kostruzzjoni. Fost il-kwistjonijiet partikolari li rrapportaw in-negozji hemm in-nuqqas ta' proċeduri elettroniċi, ir-rekwiżiti onerużi tad-dokumentazzjoni (fosthom traduzzjoni u kopji ċċertifikati), it-tariffi għaljin jew l-iskadenzi twal għad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet. Pereżempju, il-kumpaniji li jvaraw u jħaddmu networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, inkluż il-5G, qed isibu bosta diffikultajiet (proċeduri amministrattivi peżanti biex jiksbu permessi tal-kostruzzjoni; tariffi għaljin relattivi mal-ħtiġijiet tal-investment, b'mod partikolari għall-assenjar tal-ispettru; problemi ta' aċċess u nuqqas ta' informazzjoni fuq l-infrastruttura fiżika eżistenti bħall-kanali jew l-arbli, u l-bqija). Din is-sitwazzjoni twassal biex il-varar tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika, li tant huma importanti għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali, isir aktar bil-mod, u jkun aktar għali u anqas effiċjenti¹³.

3. In-negozji jilmentaw fuq l-aċċess inekwu għall-akkwist pubbliku.

Minkejja d-diġitalizzazzjoni tal-akkwist, hemm tħassib rikorrenti fost in-negozji minħabba l-perċezzjoni ta' nuqqas ta' trasparenza u possibbilment imġiba diskriminatorja, sproporzjonata jew mhux oġġettiva min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti. Fi stħarriġ riċenti, 38 % tan-negozji rrapportaw “prattiki arbitrarji fl-akkwist pubbliku” bħala ostaklu¹⁴. Dan it-tħassib jidher li hu rifless fid-*data* miġbura fil-livell tal-UE. Għalkemm b'mod ġenerali, ir-rata tal-pubblikazzjoni tal-opportunitajiet tal-akkwist fl-UE tgiebet, il-livell tagħha jvarja ferm fost l-Istati Membri: uħud minnhom għandhom livell inqas mid-daqsijiet stmati tas-swieq tal-akkwist pubbliku rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, bejn l-2009 u l-2018 żdied il-proporzjon tas-sejħiet għall-offerti li jirċievu offerta waħda, u fl-2018 laħaq il-35 %¹⁵.

¹⁰ Il-Eurochambres, “Business survey – EU Internal Market: Barriers and Solutions”, 2019.

¹¹ Il-Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi.

¹² It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-2018:

https://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/solvit/index_en.htm

¹³ Dwar din il-kwistjoni, ara l-Kawża Ewlenija nru 1 hawn isfel.

¹⁴ Il-Eurochambres, “Business survey – EU Internal Market: Barriers and Solutions”, 2019.

¹⁵ Rapport tal-2019 dwar il-Prestazzjoni tas-Suq Uniku, SWD (2019) 444 final.

4. In-negozji jirrapportaw nuqqas ta' effiċjenza b'rabta mar-rekwiżiti tekniċi, l-istandards u regoli oħra addizzjonali f'ċerti setturi fil-livell nazzjonali (b'paragun mar-rekwiżiti tal-UE).

Skont stħarriġ riċenti, sa 71 % tal-SMEs li ppruvaw is-sistema eżistenti tar-rikonoxximent reċiproku tal-merkanzija mhux armonizzata¹⁶ ġarrbu deċiżjoni li ċaħditilhom l-aċċess għas-suq¹⁷.

Qed jinħolqu kwistjonijiet ukoll f'oqsma armonizzati bil-liġi tal-UE. F'rapport riċenti ta' stħarriġ Olandiż, 18 % ta' dawk li jaħdmu għal rashom irrappurtaw "standards tekniċi differenti" bħala ostaklu¹⁸. Pereżempju, fis-setturi tal-makkinarju industrijali u/jew tal-prodotti tal-kostruzzjoni, jidher li hemm tħassib partikolari minħabba mmarrar, regoli u rekwiżiti addizzjonali għall-merkanzija, meta diġà jkun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni armonizzata. Eżempju ieħor hu s-sitwazzjoni fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, fejn uħud mir-restrizzjonijiet jidher li qed jinħolqu l-aktar minħabba nuqqas ta' regolamenti adegwati jew konsistenti applikati madwar l-Istati Membri (pereżempju jiġu stabbiliti rati tat-terminazzjoni differenti għas-swieg tas-sejthiet bil-vuċi)¹⁹. Minbarra dan, hemm bżonn jiġu stabbiliti azzjonijiet futuri biex ikun żgurat li l-ostakli indirizzati ma jerġgħux ifeġġu (eż. ir-roaming).

5. In-negozji fis-settur tas-servizzi jirrapportaw b'mod konsistenti kwistjonijiet dwar ir-rekwiżiti tad-dħul u tal-eżerċizzju b'rabta ma' attivitajiet jew professjonijiet speċifiċi.

Il-fornituri tas-servizzi kemm-il darba jkollhom jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali jew speċifiċi għas-setturi meta jiġu li jkabbru fis-suq uniku (biex jipprovdu servizzi transfruntieri u/jew jiftħu stabbiliment fi Stat Membru ieħor). Għal finijiet ta' preżentazzjoni, ir-regoli inkwistjoni jistgħu jinġabru fiż-żewġ kategoriji ewlenin li ġejjin: i) ir-regoli dwar l-aċċess għas-suq (ir-rekwiżiti tad-dħul) u ii) ir-regoli dwar l-imġiba waqt il-forniment tas-servizz (ir-rekwiżiti tal-eżerċizzju).

Dawn ir-rekwiżiti nazzjonali għas-servizzi huma identifikati regolarment min-negozji bħala ostaklu importanti. Minn fost dawk li wieġbu l-istħarriġ riċenti tal-Kmamar tal-Kummerċ Ewropej, 71 % jirrapportawhom bħala sinifikanti jew sinifikanti ħafna (81 % u 60 % mill-fornituri tas-servizzi u mill-produtturi tal-merkanzija manifatturata, rispettivament). B'mod partikolari, ir-rekwiżiti tad-dħul u tal-eżerċizzju ġew identifikati bħala ostakli importanti għal ħafna professjonijiet regolati (bħall-kontabilisti, il-konsulenti tat-taxxa, l-awdituri, is-snaġja' tal-kostruzzjoni, il-periti u l-inġiniera, il-professjonijiet legali jew l-aġenti tal-proprietà intellettwali) u għas-servizzi tal-bejgħ bl-immnut. Għall-professjonijiet regolati, ir-rekwiżiti tad-dħul iqajmu kwistjonijiet bħall-aċċess għal attivitajiet riżervati (li jeħtieġu kwalifiki speċifiċi u konformità ma' kundizzjonijiet oħra bħal sħubija obligatorja f'korp professjonali) u rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tal-eżerċizzju jinkludu restrizzjonijiet fuq ir-reklamar, il-forma ġuridika jew restrizzjonijiet tal-parteċipazzjoni azzjonarja, projbizzjonijiet fuq l-eżerċizzju konġunt ta' professjonijiet jew rekwiżiti tal-assigurazzjoni. Fejn jidħol il-bejgħ bl-immnut, in-negozji jistgħu jġarrbu regoli sproporzjonati dwar l-istabbiliment ta' ħwienet fiżiċi u dwar l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom bħal regoli fuq il-post tal-ħwienet jew il-firxa ta' prodotti mibjugħa kif ukoll restrizzjonijiet fuq il-promozzjonijiet tal-bejgħ u l-iskontijiet.

¹⁶ Il-merkanzija li mhix armonizzata mil-leġiżlazzjoni tal-UE, bħal pereżempju t-tessuti, iż-żraben, l-oġġetti għall-kura tat-tfal, il-ġojjelli, l-oġġetti tal-medja jew l-għamara.

¹⁷ Ara l-Kawża Ewlenija nru 2 hawn isfel.

¹⁸ Il-Ministeru Olandiż għall-Ekonomija, l-Aġenzija Olandiża tal-Esportazzjoni, "Doing Business in Europe", 2018.

¹⁹ Dwar din il-kwistjoni, ara l-Kawża Ewlenija nru 1 hawn isfel.

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew fil-biċċa l-kbira tagħhom itennu dawn il-kwistjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet għal xi Stati Membri jikkonċernaw b'mod espliċitu t-tneħħija ta' piżijiet regolatorji u amministrattivi fis-settur tas-servizzi professjonali u fil-qasam tal-bejgħ bl-immnut. B'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni ta' għadd ta' professjonijiet u tal-bejgħ bl-immnut, il-Kummissjoni fasslet ukoll indikaturi ta' restrizzjoni. Ir-riżultati ta' dawn, iżidu l-evidenza dwar l-ostakli li jsibu n-negozji.

Ix-xiri transfruntier ta' merkanzija jew servizzi

6. Il-konsumaturi u n-negozji jkollhom it-talbiet tagħhom miċħuda jew ridiretti waqt ix-xiri transfruntier.

Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku²⁰, waħda mill-aktar problemi tal-konsumaturi rrapportati fejn jidħol ix-xiri transfruntier online kienet marbuta mal-imblukkar ġeografiku²¹. Jidher issa li din is-sitwazzjoni tgiebet minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku²², għax f'investigazzjoni riċenti li vverifikat 200 sit web, 14 minnhom²³ biss jagħmlu ridirezzjoni (illegali) mingħajr il-kunsens tal-konsumatur. Iżda dan ma jfissirx li l-ostakli kollha relatati mal-bejgħ transfruntier għebu għalkollox. Fi 53 istanza, il-konsumaturi ma ġewx infurmati li x-xiri tagħhom ma setax jitwassal fil-pajjiżi moqdiya min-negozjant. Barra minn hekk, l-Ewrobarometru Flash 477b²⁴ jirrapporta li l-aċċess transfruntier għal kontenut awdjoviżiv kemm-il darba ma jkunx jaħdem (madwar nofs il-każijiet), l-aktar minħabba Prattiki ta' imblukkar ġeografiku²⁵. Anki l-fatt li l-produtturi tal-kontenut/id-detenturi tad-drittijiet jillimitaw l-aċċessibiltà transfruntiera ta' xi kontenut fil-ftehim tal-liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur tagħhom jidher li hu tħassib. F'dan il-kuntest, daqt se jiġi adottat rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku.

F'xi istanzi, in-negozji jiġu f'sitwazzjonijiet ukoll li ma jħalluhomx jiksbu oġġetti mill-pajjiż tal-għażla tagħhom. Il-bejjiegħa bl-immnut jilmentaw dwar dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali li jimponu l-fornituri biex l-bejjiegħa bl-immnut ikollhom iduru fuq is-suq nazzjonali. Dawn il-prattiki, li jistgħu jiksru l-liġi tal-kompetizzjoni, jistgħu jifframentaw is-suq uniku, b'detriment għall-konsumaturi u għan-negozji.

7. Il-konsumaturi jirrapportaw livelli aktar baxxi ta' fiduċja fix-xiri transfruntier online.

Id-distakk fil-fiduċja bejn ix-xiri transfruntier online u x-xiri domestiku online ma naqasx bejn l-2012 u l-2018. Dan minkejja li x-xiri online żdied bil-qawwa, u speċjalment fi proporzjon tal-konsumaturi li jixtru online fi ħdan l-UE, li kważi rdoppja minn 11 % fl-2012 għal 21 % fl-2018 (meta mqabbel, ix-xiri online domestiku żdied minn 40 % fl-2012 għal 52 %²⁶). Għadd ġmielu ta' konsumaturi xorta għadhom inqas kunfidenti meta jiġu biex jixtru minn sit web f'pajjiż ieħor tal-UE (48 %) milli minn

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.).

²¹ Ara l-Kawża Ewlenija nru 5 hawn isfel.

²² Ir-Regolament (UE) 2018/302 li jindirizza d-diskriminazzjoni mhux ġustifikata fil-bejgħ online u offline abbażi tan-nazzjonalità, il-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern. Ir-Regolament hu ta' benefiċċju għall-"klijenti" – il-konsumaturi u l-impriżi li jixtru oġġetti jew servizzi bħala utenti finali.

²³ In-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_20_156

²⁴ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/flash-eurobarometer-study-intra-eu-communications>

²⁵ Dan il-kontenut mhux kopert mir-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku.

²⁶ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet, l-edizzjoni tal-2019, id-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, p. 66.

sit web f'pajjiżhom (72 %). Fl-2012, iż-żewġ ċifri kienu 15-il punt perċentwali inqas. Il-konsumaturi mhumiex konxji u infurmati biżżejjed li japplikaw regoli armonizzati dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u li jeżistu mezzi ta' rimedju transfruntieri. Għaldaqstant, joqogħdu aktar lura milli jfittxu offerti aħjar online barra mill-fruntieri tagħhom.

8. Il-konsumaturi huma l-mira ta' frodi b'oriġini transfruntiera.

Fl-UE, madwar 56 % tal-konsumaturi mistħarrġa ġarrbu frodi jew scams fl-aħħar sentejn²⁷. Ċerti scams, bħal meta l-konsumaturi jintalbu jħallsu flus biex jiġbru xi premju, huma l-aktar forma rrappurtata ta' scams b'oriġini ġeografika mhux magħrufa (9 % tal-konsumaturi ġarrbu scam bħal din u ma setgħux jidentifikaw l-oriġini tal-kummerċant)²⁸. Din iċ-ċifra turi li jeħtieġ tiżdied u tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva u kriminali fi ħdan l-UE ħalli jiġu indirizzati l-isfidi għall-infurzaturi tal-liġi tal-konsumatur fl-ekonomija attwali, inkluż f'każijiet b'dimensjoni transfruntiera²⁹.

It-twassil transfruntier tal-merkanzija u tas-servizzi

9. In-negozji jirrapportaw proċeduri peżanti minħabba differenzi fis-sistemi tat-taxxa u fl-amministrazzjonijiet.

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-taxxa jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin li jgarru n-negozji meta joperaw b'mod transfruntier. Għandhom isiru aktar sforzi biex jonqsu d-diverġenzi fis-sistemi tat-taxxa u biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid ir-rekwiżit ta' unanimità fil-Kunsill. Skont ir-Rapport Annwali tal-2017/2018 dwar l-SMEs Ewropej³⁰, 63 % tal-SMEs jidhrilhom li t-“trattament ma' kwistjonijiet tat-tassazzjoni barranija hu kkumplikat wisq” u jirrapportawh bhalta ostaklu għall-esportazzjoni (u għall-istabbiliment). Rapporti riċenti ta' organizzazzjonijiet kummerċjali Olandiżi u Finlandiżi³¹ jisħqu li għal wieħed minn kull ħamsa li wiegħbu, il-konformità mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-VAT) hi ostaklu għall-kummerċ fis-suq uniku. Din is-sitwazzjoni jikkonferma rapport tal-Kummissjoni, li jsib li l-ispejjeż tal-konformità mal-VAT jiżdiedu meta jkun hemm attività transfruntiera³². Is-sitwazzjoni hi simili għall-ispejjeż tal-konformità relatati mat-tassazzjoni fuq l-introjtu tan-negozji³³. Bħalma hu l-każ fil-kuntest domestiku, l-isfida hi akbar għall-SMEs milli hi għan-negozji l-kbar. Stħarriġ partikolari jistma li l-ispejjeż diretti tal-konformità mat-taxxa għan-negozji l-kbar huma madwar 2 % tat-taxxi mħallsa, filwaqt li għall-SMEs huma madwar 30 % tat-taxxi mħallsa³⁴. Skont stħarriġ iehor³⁵ dwar il-piż relattiv tal-konformità mat-taxxa, għat-taxxi diretti u għat-taxxi indiretti f'19-il Stat Membru tal-UE, l-SMEs jonfqu 2,5 % tal-fatturat tagħhom fuq spejjeż tal-konformità mat-taxxa, filwaqt li dawn l-ispejjeż huma biss 0,7 % tal-fatturat tal-kumpaniji l-kbar³⁶.

²⁷ Stħarriġ tal-Kummissjoni dwar l-attitudnijiet tal-Ewropej lejn iċ-ċibersigurtà – Ewrobarometru Speċjali 499 tad-29 ta' Janjar 2020.

²⁸ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet, l-edizzjoni tal-2019, id-DG għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, p. 34.

²⁹ Ara l-Kawża Ewlenija nru 3 hawn isfel.

³⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, “Ir-Rapport Annwali tal-2017/2018 dwar l-SMEs Ewropej”, 2018.

³¹ Il-Ministeru Olandiż għall-Ekonomija, l-Aġenzija Olandiża għall-Esportazzjoni, “Doing Business in Europe”, 2018 u l-Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi.

³² <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/0ed32649-fe8e-11e8-a96d-01aa75ed71a1>

³³ Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt tal-2016 (BKKTK) (https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/swd_2016_341_en.pdf)

<https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/0ed32649-fe8e-11e8-a96d-01aa75ed71a1>

³⁴ https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/tax_survey.pdf

³⁵ KPMG-GFK (2018), “Study on tax compliance costs for SMEs”. Studju li kkummissjonat il-Kummissjoni Ewropea, is-Sejħa għall-Offerti tal-Kummissjoni Ewropea Nru EASME/COSME/2015/004.

³⁶ Ara l-Kawża Ewlenija nru 1 hawn isfel.

L-ostakli ta' wara l-bejgħ

10. In-negozji jirrappurtaw problemi biex isolvu t-tilwim kummerċjali/ċivili u jiġbru l-ħlasijiet.

Skont kif irrappurtaw 66 % ta' dawk li wiegħbu l-istħarriġ riċenti tal-Kmamar tal-Kummerċ Ewropej³⁷, il-“prattiki kuntrattwali/legali differenti” jikklassifikaw fil-ħames post fost l-ostakli għall-kummerċ fis-suq uniku. Skont *data* riċenti tal-Eurostat³⁸, il-bejjiegħa bl-innut li jbigħu lill-konsumaturi online irrappurtaw li sabu ferm aktar diffikultajiet bil-bejgħ online transfruntier milli bil-bejgħ online ġenerali (58 % vs. 38 %). Skont *data* riċenti oħra tal-Kummissjoni³⁹, aktar minn tlieta minn kull 10 bejjiegħa bl-innut li jbigħu online jidhrilhom li “l-ispejjeż potenzjalment oġhla biex jissolvew it-tilwimiet u l-ilmenti transfruntiera” (kważi 35 %) huma ostakli għall-bejgħ online lil konsumaturi f'pajjiżi oħra tal-UE. In-nuqqas ta' informazzjoni għadu problema, bi kważi nofs il-bejjiegħa bl-innut mistħarrġa għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Konsumaturi tal-2019 jiddikjaraw li ma kinux jafu li jeżistu korpi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim f'pajjiżhom stess⁴⁰.

Noħolqu attività kummerċjali fi Stat Membru ieħor

11. In-negozji jirrappurtaw problemi biex jirreġistraw attività kummerċjali fi Stat Membru ieħor.

Ħames Kmamar tal-Kummerċ minn kull disgħa li qasmu t-tħassib tal-membri tagħhom mal-Kummissjoni dwar il-kummerċ transfruntier, irrappurtaw kwistjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali fl-UE, l-aktar dwar id-diffikultajiet biex jirreġistraw kumpanija online. Dawn id-diffikultajiet ikkonfermawhom 27 % ta' dawk li wiegħbu stħarriġ riċenti dwar l-attività intraprenditorjali fl-UE li ħejjew l-awtoritajiet Olandiżi⁴¹. Jidher ukoll li anki d-*data* tal-Kummissjoni tappoġġa din il-perċezzjoni. Skont ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika li saret fl-2016 b'rabta mat-tnejn tal-proposta dwar il-gateway diġitali unika, ir-reġistrazzjoni ta' attività kummerċjali tqieset waħda mit-tliet proċeduri ta' prijorità li għandhom ikunu disponibbli online. B'mod partikolari fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji, il-konsultazzjoni pubblika li qed tħejji l-proposti għall-Pakkett tal-2018 dwar il-Liġi tal-Kumpaniji tal-UE, issa adottati, uriet appoġġ qawwi min-naħa tal-organizzazzjonijiet tan-negozju (70 %) u min-naħa tal-Istati Membri (64 %) għall-introduzzjoni ta' regoli ġodda dwar reġistrazzjoni għalkollox online tal-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kumpanija fir-reġistri kummerċjali.

L-ingaġġ tal-persunal

12. In-negozji jirrappurtaw problemi minħabba skarsezzi tal-ħiliet u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet.

L-iskarsezzi tal-ħiliet ixekklu l-integrazzjoni tas-suq uniku għax jaf iwaqqfu lil negozji ta' suċċess fi Stat Membru milli jkabbru u jstabbilixxu ruħhom xi mkien ieħor fis-suq uniku, pereżempju bejn il-fruntieri. Kulma jmur id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat jew meniġers esperjenzati qed tiġi

³⁷ Il-Eurochambres, “Business survey – EU Internal Market: Barriers and Solutions”, 2019.

³⁸ “Retailers’ attitudes towards cross-border trade and consumer protection” (rapport prinċipali) – 2018.

³⁹ “Retailers’ attitudes towards cross-border trade and consumer protection” (rapport prinċipali) – 2018.

⁴⁰ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet, edizzjoni tal-2019, id-DG għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi.

⁴¹ Il-Ministeru Olandiż għall-Ekonomija, l-Aġenzija Olandiża tal-Esportazzjoni, “Doing Business in Europe”, 2018.

identifikata bħala l-aktar problema importanti li qed iġarrbu l-SMEs fl-aħħar snin (26 % tal-SMEs fl-2019). B'mod aktar speċifiku, fl-2018, 53 % tal-kumpaniji li ingaġġaw jew pruvaw jingaġġaw speċjalisti fl-ICT, irrappurtaw diffikultajiet biex jimlew il-postijiet battala, meta mqabbla ma' 41 % fis-sena ta' qabel. Barra minn hekk, il-proċeduri għaljin għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fi professjonijiet regolati (bħal inġiniera f'ħafna Stati Membri) qed jillimitaw il-mobbiltà tal-ħaddiema.

L-ostakli tal-lingwa

13. Bosta negozji mistħarrġa rrappurtaw il-lingwa bħala ostaklu.

Fl-istharrġi riċenti tal-Kmamar tal-Kummerċ Ewropej⁴² 36 % tan-negozji rrappurtaw li sabu "ostakli tal-lingwa". Bl-istess mod, in-"nuqqas ta' hiliel fil-lingwi" ġie rrappurtat bħala ostaklu minn 32 % tal-SMEs mingħajr esperjenza fl-esportazzjoni u minn 10 % tal-SMEs b'esperjenza fl-esportazzjoni fl-akbar ħames Stati Membri⁴³.

Konklużjoni

Jidher li n-negozji u l-konsumaturi qed isibu ostakli li jinkludu l-ostakli regolatorji li tipikament tindirizza l-leġiżlazzjoni tal-UE, iżda ħafna drabi jmorru lil hinn minn dan. Barra minn hekk, xi ostakli oħra jaf ma jkollhomx natura regolatorja jew amministrattiva, iżda pjuttost natura Prattika; madankollu dawn xorta huma importanti indaqs. Fil-prattika, negozju jew konsumatur kemm-il darba jġarrbu bosta restrizzjonijiet fl-istess ħin meta jkunu qed joperaw fi ħdan l-UE. Fl-aħħar nett, l-aktar utenti penalizzati minn din is-sitwazzjoni huma l-SMEs u l-professjonisti.

II. IL-KAWŻI EWLENIN TAL-AKTAR 13-IL OSTAKLU RRAPPURTAT TA' SPISS U DIREZZJONIJIET GĦAL AZZJONI ULTERJURI FIL-LIVELL TAL-UE U FIL-LIVELL NAZZJONALI

Ġew identifikati ħames kawżi ewlenin għall-ostakli rrappurtati deskritti hawn fuq. Uħud jaf huma fir-responsabbiltà tal-UE, oħrajn fir-responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li oħrajn fir-responsabbiltà tat-tnejn li huma. Oħrajn ma joriġinawx jew joriġinaw parzjalment biss fil-politika pubblika u jistgħu jinħolqu minħabba imġiba partikolari tal-konsumaturi jew deċiżjonijiet kummerċjali tan-negozji. Kull kawża ewlenija hi rilevanti għal wieħed jew aktar mit-13-il ostaklu rrappurtat min-negozji u mill-konsumaturi fit-Taqsima I hawn fuq, kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt. Għal kull kawża ewlenija, hemm previsti prijoritajiet għal azzjoni li tindirizza dawn il-kawżi ewlenin, inkluż inizjattivi eżistenti u futuri possibbli.

Tabella: ir-rilevanza tal-kawżi ewlenin għall-aktar 13-il ostaklu li rrappurtaw in-negozji u l-konsumaturi

Ostakli rrappurtati fil-"Perkors tan-negozji/tal-	Kawżi ewlenin
---	---------------

⁴² Il-Eurochambres, "Business survey – EU Internal Market: Barriers and Solutions", 2019.

⁴³ Iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej "Hidden Treasures: Mapping Europe's sources of competitive advantage in doing business", 2019 (Ir-Rapport "Hidden Treasures").

konsumaturi”

	1. Għażliet regolatorji fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali				2. It-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE			3. Il-kapaċità u l-prattiki amministrattivi			4. L-ambjent ġenerali tan-negozju u tal-konsumaturi fl-Istati Membri	5. Il-kawżi ewlenin li mhumtix marbuta mal-politika pubblika
	Regoli nazzjonali restrittivi u r-rwol limitat tal-leġiżlazzjoni tal-UE	Il-leġiżlazzjoni tal-UE tħalli ċerta flessibilità fil-livell tal-armonizzazzjoni u/jew il-prattika tal-Istati Membri (“gold plating”).	Rekwiżiti ġustifikati għal raġunijiet ta’ politika pubblika	Leġiżlazzjoni kumplessa tal-UE	Traspożizzjoni mhux perfetta tad-Direttivi tal-UE	Nuqqas ta’ implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE	Nuqqas ta’ infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni tal-UE	Nuqqas ta’ soluzzjonijiet biżżejjed jew kompatibbli tal-gvern elettroniku fil-livell nazzjonali	Nuqqas ta’ koorazzjoni biżżejjed bejn il-Kommissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, u bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, stas.	Nuqqas ta’ persunal jew għarfien esperti biżżejjed fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali		
1 Diffikultajiet biex tinkiseb l-informazzjoni (B, C)	×					×	×	×			×	
2 Proċeduri amministrattivi kumplessi fejn jidħol il-bejgħ teransfruntier tal-merkanzija jew tas-servizzi (B)	×	×	×	×	×	×	×	×	×	×	×	
3 Access inekwu għall-akkwist pubbliku (B)	×		×			×	×	×		×	×	
4 Ineffiċjenzi relatati ma’ rekwiżiti tekniċi, standards u regoli oħra addizzjonali f’ċerti setturi fil-livell nazzjonali (B)	×					×	×					
5 Kwistjonijiet relatati mar-rekwiżiti tad-dħul u tal-eżerċizzju (B fis-settur tas-servizzi)	×				×	×	×	×	×	×	×	
6 Talbiet għal xiri transfruntier li jiġu rifjutati jew ridirezzjonati (B, C)		×		×								×
7 Livelli aktar baxxi ta’ fiduċja fix-xiri transfruntier online (C)						×			×			
8 Fil-mira ta’ frodi b’oriġini transfruntiera (C)									×			×
9 Proċeduri peżanti minħabba differenzi fis-sistemi tat-taxxa u fl-amministrazzjonijiet (B)	×							×	×	×	×	
10 Problemi biex isolvu t-tilwim kummerċjali/ċivili u l-ġbir tal-ħlasijiet (B)	×							×		×	×	
11 Problemi bir-reġistrazzjoni ta’ attivitajiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor (B)	×		×		×			×	×	×	×	
12 Problemi minħabba skarsezzi tal-ħiliet u nuqqas ta’ tlaqqiġ tal-ħiliet (B)	×										×	×
13 Il-lingwa bħala ostaklu (B, C)		×										×

Didaskalija: (B): negozji, (C): konsumaturi

1. Għażliet regolatorji fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali

Regoli nazzjonali restrittivi u r-rwol tal-leġiżlazzjoni tal-UE

In-negozji attivi fis-suq uniku kemm-il darba jaffaċċjaw regoli nazzjonali restrittivi. Din jaf ikun problema partikolari f'dawk is-setturi li l-Istati Membri jħaddmu approċċi regolatorji restrittivi u ta' spiss diverġenti għalihom, fosthom oqsma li jinkludu innovazzjoni u mudelli kummerċjali ġodda. Din il-Kummissjoni identifikat diversi oqsma ta' prijorità għal aktar inizjattivi leġislattivi bi tweġiba għal uħud mill-ostakli rrappurtati fit-Taqsima I hawn fuq u li għandhom jiffaċilitaw l-attività transfruntiera għan-negozji u għall-konsumaturi⁴⁴. Xi inizjattivi ewlenin għandhom x'jaqsmu mat-tranżizzjoni ekoloġika u mat-trasformazzjoni diġitali, u huma stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020⁴⁵. Fost dawn hemm l-iżvilupp ta' suq uniku għall-prodotti sostenibbli, l-intelliġenza artifiċjali, id-*data*, u s-servizzi diġitali.

Regoli nazzjonali restrittivi huma partikolarment importanti fis-servizzi u, pereżempju jkunu jinkludu rekwiżiti tad-dħul u tal-eżerċizzju għal ċerti attivitajiet jew professjonijiet bħal skemi tal-awtorizzazzjoni, sħubijiet obligatorji ma' xi Kamra għal firxa ta' oqsma ta' servizzi professjonali, rekwiżiti ta' assigurazzjoni jew restrizzjonijiet fuq strutturi korporattivi. Meta l-liġi tal-UE tkun diġà tipprovdi qafas għall-valutazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet (id-Direttiva dwar is-Servizzi, id-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità, u l-bqija), biex jinkisbu riżultati aktar malajr, il-Kummissjoni se tiffoka l-isforzi tagħha fuq implimentazzjoni u infurzar aħjar skont il-Pjan ta' Azzjoni fit-tul tal-lum għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku.

Jeżistu wkoll approċċi regolatorji diverġenti u restrittivi f'oqsma li l-UE ma għandhiex kompetenzi leġislattivi jew li għandha kompetenzi leġislattivi limitati (is-sigurtà soċjali jew l-edukazzjoni) u/jew li għandhom rekwiżiti ta' unanimià fit-Trattat (it-tassazzjoni). Dan ma jfissirx li l-inizjattivi leġislattivi mhumiex possibbli, kif intwera dan l-aħħar fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. L-UE adottat Direttiva biex ittejjeb is-soluzzjoni tat-tilwim fi kwistjonijiet ta' taxa diretta⁴⁶, b'mod partikolari l-użu ta' arbitraġġ obligatorju. Barra minn hekk, dan l-aħħar il-Kunsill adotta l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-regoli dwar l-eżenzjonijiet tal-VAT għall-SMEs⁴⁷. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 fih wkoll pjan ta' azzjoni għal għieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u biex it-tassazzjoni ssir sempliċi u faċli.

L-unanimià hi meħtieġa wkoll biex jinħolqu forom ġuridiċi tal-kumpaniji Ewropej. Dan ma jeskludix l-inizjattivi tal-UE iżda fil-prattika jagħmilha diffiċli biex jinstab ftehim dwarhom⁴⁸. Madankollu, xi aspetti oħra tal-liġi tal-kumpaniji huma armonizzati fil-livell tal-UE. B'mod importanti, id-Direttiva tal-2019 dwar l-użu tal-għodod u l-proċeduri diġitali dalwaqt se tippermetti lill-intraprendituri jwaqqfu kumpaniji jew fergħat ġodda għalkollox online fl-Istati Membri kollha u fuq bażi transfruntiera fl-UE kollha, u tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni online u mingħajr ħlas dwar l-aktar rekwiżiti importanti tal-liġi tal-kumpaniji. Dan għandu jindirizza wħud mill-ostakli msemmija hawn fuq, u jwassal għal iffrankar importanti fl-ispejjeż u aktar effiċjenza għall-kumpaniji, b'mod partikolari għall-SMEs. Il-kwistjonijiet tat-traspożizzjoni u l-konformità huma ta' tħassib kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri. Għaldaqstant biex nindirizzawhom, jeħtieġ nibnu fuq il-kooperazzjoni profonda bejniethom. Il-“Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal

⁴⁴ Rieżami tad-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-broadband (ara l-Ostaklu nru 2), aktar armonizzazzjoni tar-rati tat-terminazzjoni għat-telefonati bil-vuċi permezz ta' att delegat li ġej (ara l-Ostaklu nru 4), Att dwar is-servizzi diġitali (ara l-Ostaklu nru 4).

⁴⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020: Unjoni li tirsisti għal aktar, Brussell, 29.1.2020 COM(2020) 37 final.

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 1).

⁴⁷ Ara r-riforma tal-VAT (l-Ostaklu nru 9).

⁴⁸ Nġhidu aħna, il-proposta tal-2008 tal-Kummissjoni dwar l-istatut għal kumpanija privata Ewropea u l-proposta tal-2012 dwar l-istatut għal Fondazzjoni Ewropea ġew sussegwentement irtirati minħabba n-nuqqas ta' progress fin-negozjati.

implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku” tistabbilixxi inizjattivi konkreti dwar din il-kwistjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rwol limitat tal-UE jaf qed jinħoloq ukoll minħabba l-bżonn ta’ konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità f’xi qasam partikolari.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tista’ tħalli l-flessibilità fil-livell tal-armonizzazzjoni u/jew il-prattika tal-Istati Membri (“gold plating”).

Xi kwistjonijiet relatati mas-suq uniku huma armonizzati għalkollox fil-livell tal-UE. Il-leġiżlatur tal-UE rregola kwistjoni partikolari b’mod eżawrjenti, billi bbilanċja l-hteġa li jinfetaħ is-suq bil-hteġa li jiġu segwiti objettivi ta’ interess pubbliku. Għal dawk il-kwistjonijiet, ir-regoli tal-UE jistabbilixxu kemm “limitu minimu” (“linja bażi”) kif ukoll “limitu massimu”: m’hemmx aktar lok għal aktar rekwiżiti fil-livell nazzjonali⁴⁹.

F’diversi oqsma (fosthom ċerti aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur), xi kwistjonijiet qed issirihom armonizzazzjoni minima tal-UE, u b’hekk hemm lok għall-Istati Membri biex jistabbilixxu standards oġhla mil-linja bażi identifikata. Dan jista’ jwassal għal regoli parzjalment diverġenti fis-suq uniku li jistgħu jimponu piżijiet fuq l-atturi tas-suq (l-hekk imsejjaħ “gold plating”). Dawn ir-regoli diverġenti jistgħu jagħmluha wkoll aktar diffiċli għall-konsumaturi biex jifhmu l-bażi legali u l-ambitu tal-protezzjoni tagħhom meta jagħmlu xiri transfruntier.

Għall-kwistjonijiet li mhumiex armonizzati għalkollox fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għandhom marġni biex jiddeċiedu li jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali fil-livell nazzjonali meta jkunu ġustifikati u proporzjonati biex isegwu ċerti interessi pubbliċi leġittimi. Iżda ħafna drabi dan iwassal biex jiżdedu l-piżijiet regolatorji jew amministrattivi għan-negozji, b’impatt partikolari fuq l-SMEs. Il-“gold plating” hi kwistjoni partikolari fejn jidħol is-settur tas-servizzi. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ukoll impatt indirett fuq il-konsumatur, sal-punt li jistgħu jiċċaħħdu mill-benefiċċju ta’ offerti mingħand kumpaniji barranin u, b’mod partikolari, mingħand SMEs innovattivi.

Dwar il-kwistjonijiet li huma fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, l-Istati Membri jridu jikkonformaw mar-regoli dwar il-moviment liberu stabbiliti fit-Trattat, il-leġiżlazzjoni sekondarja, il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE (bħall-proporzjonalità u ċ-ċertezza legali) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, biex ikun żgurat l-effett sħiħ tal-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-kapital.

Il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri fl-obbligu li jikkonformaw mal-liġi tal-UE u tistedinhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom għal simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv żejjed⁵⁰. Ir-rekwiżiti nazzjonali addizzjonali jridu jkunu ġustifikati b’raġuni prevalenti ta’ interess pubbliku, nondiskriminatorji, proporzjonati, faċli biex jinftiehem u konformi mar-regoli minimi armonizzati⁵¹. Barra minn hekk, anki fi ħdan ir-regoli legali, fid-dawl tal-objettiv tas-suq uniku, id-differenzi jridu jkunu minimi. Skont it-Trattat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tiftaħ proċeduri ta’ ksur u, kif imsemmi fil-“Komunikazzjoni dwar pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-

⁴⁹ Il-kwistjoni jekk l-armonizzazzjoni hix eżawrjenti jew le trid tiġi vvalutata mhux biss fir-rigward ta’ qasam, iżda anki fir-rigward ta’ kwistjoni speċifika.

⁵⁰ Il-punt 43 tal-Ftehim Interstituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016 jistipula li l-Istati Membri li jittrasponu Direttivi fil-liġi nazzjonali u li jagħżlu li jżidu elementi li bl-ebda mod mhuma relatati ma’ dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jeħtieġ jagħmlu dawn l-elementi addizzjonali identifikabbli permezz tal-att(i) tat-traspożizzjoni jew b’dokumenti assoċjati.

⁵¹ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Lulju 2018 imsejħa “Protezzjoni tal-Investment fi ħdan l-UE”.

regoli tas-suq uniku”, hi lesta tassisti lill-Istati Membri biex itejbu l-konformità mal-liġi tal-UE skont l-oġġettiv komuni ta’ suq uniku li jiffunzjona tajjeb.

Rekwiżiti ġustifikati għal raġunijiet ta’ politika pubblika

Parti mit-tħassib li rrapportaw l-utenti jista’ jinħoloq parzjalment minħabba sitwazzjonijiet meta l-leġislazzjoni tal-UE tkun issegwi oġġettivi ta’ politika leġittimi oħra bil-għan li ssib bilanċ bejn dawn l-oġġettivi u l-moviment liberu fis-suq uniku. Fost dawn l-oġġettivi ta’ politika hemm pereżempju l-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali. F’ċerti każijiet, dawn l-oġġettivi jistgħu jintlaħqu aħjar u b’inqas frammentazzjoni tas-suq uniku permezz ta’ qafas legali komuni tal-UE. Pereżempju, id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema mmirata biex tiffaċilita l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-forniment tas-servizzi billi jiġi adottat sett komuni ta’ regoli fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, hemm bżonn implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti tal-UE min-naħa tal-Istati Membri biex in-negozji ma jġarrbux regoli u formalitajiet nazzjonali mhux ġustifikati jew sproportjonati.

Leġislazzjoni kumplessa tal-UE

Kemm l-interazzjoni bejn diversi biċċiet ta’ leġislazzjoni, ħafna drabi fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, u anki l-leġislazzjoni li tinbidel sikwit joħolqu sfida. Dan jaf joħloq ċertu inċertezza legali u jikkawża spejjeż għal konformità, u b’hekk jaffettwa ħażin l-ambjent tan-negozju u l-attivitajiet ekonomiċi, b’impatt partikolari fuq l-SMEs u fuq il-konsumaturi individwali. Barra minn hekk, neħtieġu regoli adattati għall-prodotti fil-livell tal-UE biex ikollna ekonomija aktar ekoloġika u diġitali. Ngħidu aħna, bi qbil mal-Pjan ta’ Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari, it-tranżizzjoni ekoloġika se tkun teħtieġ leġislazzjoni tal-UE dwar il-prodotti, fl-intier tagħha, biex tagħti l-inċentivi t-tajba għas-sostenibbiltà u għaċ-ċirkolarità. Il-konsultazzjoni li qed issir fuq l-adattamenti possibbli għar-regoli tas-sikurezza u tar-responsabbiltà fid-dawl tal-Intelliġenza Artifiċjali, ir-robotika u l-Internet tal-Oġġetti ma tistax teżawrixxi l-kwistjonijiet li ġgħib magħha d-diġitalizzazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li s-sistema legali twitti t-triq, b’mod koerenti, għal ekonomija aktar ċirkolari u diġitali għall-prodotti li mhumiex tal-ikel, u twessa’ l-konsultazzjonijiet eżistenti sa fejn ikun meħtieġ.

Fil-livell tal-UE, isiru regoli għal regolamentazzjoni aħjar biex jiżguraw li l-leġislazzjoni tal-UE tkun ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini u għan-negozji, tissejjes fuq l-evidenza u valutazzjoni tal-impatt rigoruż, u li l-piżijiet regolatorji fuq l-individwi u n-negozji jkunu minimi. Valutazzjoni bir-reqqa tal-emendi sinifikanti għall-proposti inizjali tal-Kummissjoni tgħin biex jonqos kemm jista’ jkun ir-riskju ta’ impatti mhux intenzjonati fuq in-negozji u l-konsumaturi. Permezz tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (ir-REFIT), il-Kummissjoni teżamina b’mod sistematiku l-leġislazzjoni eżistenti biex tidentifika fejn jista’ jonqos il-piż fuq l-individwi, in-negozji jew l-amministrazzjonijiet u fejn tista’ tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni mingħajr ma jonqsu l-benefiċċji tagħha bħala politika pubblika. Fil-Programm ta’ Ħidma tagħha għall-2020, il-Kummissjoni identifikat 44 biċċa ta’ leġislazzjoni li jrid isir ilhom dan l-eżerċizzju.

Fil-futur, il-Kummissjoni se tħaddem l-approċċ ta’ “one in, one out”. L-iskop hu li jiġi żgurat li l-leġislazzjoni tal-UE twassal benefiċċji mingħajr ma timponi piżijiet bla bżonn fuq iċ-ċittadini u n-

negozji. Il-Kummissjoni se jkollha l-pariri u l-appoġġ ta' grupp ta' esperti ġdid⁵², il-Pjattaforma msejħa "Fit for Future" biex tissokta l-isforzi tagħha li jssimplifikaw l-leġiżlazzjoni u li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għan-negozji u għall-individwi.

L-isfidi regolatorji jolqtu b'mod partikolari lill-SMEs u għalhekk il-Kummissjoni hi impenjata li fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha tqis l-effett tagħhom fuq l-SMEs⁵³. It-test tal-SMEs diġà hu parti mill-valutazzjoni regolari u se jibqa' jiġi applikat għal kull proposta rilevanti tal-Kummissjoni, inkluż il-Patt Ekoloġiku. "L-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" tipproponi wkoll li biex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tkun adegwata għall-SMEs, ir-Rappreżentant il-ġdid tal-SMEs tal-UE⁵⁴ jgħarbel l-inizjattivi tal-UE b'kollaborazzjoni mal-partijiet konċernati tal-SMEs, biex jindika dawk li jisthoqqlhom attenzjoni mill-qrib minn perspettiva tal-SMEs. Dan ir-Rappreżentant tal-SMEs se jaqdi rwol speċifiku fil-Pjattaforma l-ġdida "Fit for Future".

Barra minn hekk, il-"Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku" tidentifika l-leġiżlazzjoni kumplessa tal-UE bħala qasam li jeħtieġ aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħalli jiġu evitati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. Fost l-azzjonijiet proposti hemm li jissaħħu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni u li jizjed l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti.

2. It-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE

Traspożizzjoni mhux perfetta tad-Direttivi tal-UE

In-nuqqas ta' traspożizzjoni fil-ħin, sħiħa u korretta tad-Direttivi tal-UE min-naħa tal-Istati Membri jdgħajjed il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għax iżid il-frammentazzjoni regolatorja. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli li joħorġu mid-Direttivi tal-UE u n-nuqqas ta' konformità tagħhom fl-Istati Membri joħolqu problemi għall-individwi (il-konsumaturi u n-negozji) mil-lat ta' ksur tad-drittijiet tagħhom, inċertezza legali u nuqqas ta' opportunitajiet indaqs, u barra minn hekk iwasslu għal żbilanċi u ineffiċjenzi fis-suq uniku.

Implimentazzjoni inadegwata tal-liġi tal-Unjoni

Minbarra biex jittrasponu sew id-Direttivi tal-UE, l-Istati Membri huma responsabbli wkoll biex jimplementaw sew il-leġiżlazzjoni tal-UE. Ħafna mill-aktar 13-il ostaklu rrapportat li ġew identifikati hawn fuq jistgħu jiġu indirizzati b'implimentazzjoni aħjar tal-liġi eżistenti tal-UE.

Pereżempju fil-każ tas-servizzi, għad hemm potenzjal kbir fejn tidħol l-implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti (eż. id-Direttiva dwar is-Servizzi u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali), flimkien ma' infurzar aktar vigoruż ta' dawn ir-regoli.

Ċerti diffikultajiet jinħolqu wkoll f'dominji li huma soġġetti għall-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku. Fil-qasam tal-merkanzija mhux armonizzata, in-negozji ħafna drabi jridu jissodisfaw rekwiżiti addizzjonali li jimponi l-Istat Membru li jridu jesportaw lejha. Ir-Regolament il-ġdid dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru

⁵² Il-grupp se jkun magħmul minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u partijiet konċernati esterni.

⁵³ SWD (2017) 350. Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.

⁵⁴ Ir-Rappreżentant tal-SMEs tal-UE jiżgura r-rabta bejn it-tfassil tal-politika tal-SMEs fil-livell tal-UE u r-rappreżentanti/il-korpi nazzjonali tal-SMEs inkarigati mill-politika tal-SMEs. Dan jippresiedi n-network tar-rappreżentanti nazzjonali tal-SMEs li, min-naħa tagħhom, jiżguraw li l-komunitajiet kummerċjali nazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali u l-UE jaħdmu flimkien fuq politika tal-SMEs.

ieħor, permezz tal-“Pakkett dwar il-Prodotti”, li se jibda japplika minn April 2020, se jgħin biex ir-rikonoxximent reċiproku jsir aktar effettiv. B’mod partikolari, se tizzied it-trasparenza tad-deċiżjonijiet li jieħdu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, filwaqt li n-negozji jistgħu jiksibu informazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku u r-regoli tekniċi nazzjonali dwar il-merkanzija mhux armonizzata fil-punti ta’ kuntatt għall-prodotti⁵⁵.

Nuqqas ta’ infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni tal-UE

L-Istati Membri huma obbligati jinfurzar il-leġiżlazzjoni tal-UE. Għaldaqstant dawn iridu jżidu l-isforzi tagħhom, bl-għajna tal-Kummissjoni. B’mod partikolari, il-Kummissjoni tfakkarhom fl-obbligu tagħhom li jimplementaw il-miżuri leġiżlattivi riċenti tal-UE, li jipprovdu setgħat ta’ infurzar addizzjonali lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, bħar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq⁵⁶, id-Direttiva dwar infurzar aħjar u l-modernizzazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u r-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (dan tal-aħħar se jipprovdi protezzjoni aħjar lill-konsumaturi u rimedju aħjar fil-kuntesti transfruntieri). Jeħtieġ li l-infurzar aħjar tar-regoli jiġi kkomplementat ukoll bil-kooperazzjoni tal-individwi. Dan hu l-iskop tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi (li trid tiġi trasposta sa Diċembru 2021)⁵⁷, għodda għida li ssaħħa il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali u tal-UE li jidentifikaw, jindirizzaw u jipprevjenu l-ksur f’oqsma ewlenin tas-suq uniku bħall-akkwist pubbliku u l-protezzjoni tal-konsumatur. Fl-aħħar nett, kif stabbilit fil-“Komunikazzjoni dwar pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku”, il-Kummissjoni hi impenjata li taħdem mal-Istati Membri biex issaħħa l-arranġamenti ta’ ħidma u tħaddem sew l-għodod amministrattivi kollha disponibbli biex itejbu l-ħeffa u l-effettività tat-trattament tal-ksur allegat.

Il-“Komunikazzjoni dwar pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku” tistabbilixxi bosta inizjattivi ġodda biex jiġu indirizzati l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-isfidi tal-leġiżlazzjoni tal-UE stabbiliti hawn fuq. Dawn jinkludu detezzjoni u investigazzjoni aktar effiċjenti tan-nuqqasijiet ta’ konformità (razzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-IT eżistenti tas-suq uniku li jintużaw għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-merkanzija industrijali u tal-konsumatur li tkun illegali u li ma tkunx konformi) kif ukoll il-ħolqien ta’ Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (is-SMET) magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u t-twaqqif ta’ awtoritajiet tal-infurzar bis-setgħat xierqa (ir-rwol tan-network tal-UE tal-koordinaturi tal-infurzar nazzjonali u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol⁵⁸).

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (Test b’rilevanza għaż-ŻEE).

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (Test b’rilevanza għaż-ŻEE).

⁵⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tipprevedi livell għoli ta’ protezzjoni mir-ritaljazżjoni lill-persuni li jirrapportaw informazzjoni dwar xi ksur tal-liġi tal-Unjoni miksuba fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom. Din id-Direttiva ssaħħa il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali u tal-UE li jidentifikaw, jindirizzaw u jipprevjenu l-ksur f’oqsma ewlenin tas-suq uniku, bħall-akkwist pubbliku, is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-interessi finanzjarji tal-UE, u l-protezzjoni tal-konsumatur.

⁵⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

3. Il-kapaċità u l-prattiki amministrattivi

Nuqqas ta' soluzzjonijiet biżżejjed jew kompatibbli tal-gvern elettroniku fil-livell nazzjonali

In-nuqqas ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet biżżejjed tal-gvern elettroniku jista' jxekkel l-iżvilupp tas-suq uniku. Din hi problema b'mod partikolari fejn jidħol l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti. Minbarra dan, din hi kawża ewlenija tad-diffikultajiet marbuta mal-formalitajiet jew mal-proċeduri nazzjonali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-bejgħ transfruntier tal-merkanzija jew tas-servizzi.

Meta qed jiġu implimentati s-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, aktarx li tinħoloq il-problema tal-interoperabbiltà jekk din ma tiġix indirizzata sew. L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà⁵⁹, riveduti fl-2017, jipprovdu ħafna rakkomandazzjonijiet li jappoġġaw l-interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali. Hemm bosta programmi li jappoġġaw l-użu ta' dawn is-soluzzjonijiet⁶⁰. Inizjattivi bħar-rikonoxximent transfruntier tal-identifikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi fiduċjarji (stabbiliti f'diversi biċċiet ta' leġislazzjoni tal-UE bħar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-eIDAS)⁶¹ u l-prinċipju ta' "darba biss" (l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1724 dwar il-gateway diġitali unika) qed jappoġġaw is-servizzi pubbliċi diġitali transfruntieri. Fl-Istrateġija Diġitali l-ġdida, il-Kummissjoni tappella għal strateġija msaħħa dwar l-interoperabbiltà tal-gvernijiet tal-UE⁶². Tappella wkoll għal Regolament rivedut dwar l-eIDAS biex ikun aktar effettiv, biex il-benefiċċji tiegħu jaslu wkoll għand is-settur privat u biex dan ikun jippromwovi identitajiet diġitali fdati għall-Ewropej kollha.

Mit-12 ta' Diċembru 2020, bl-implimentazzjoni tal-gateway diġitali unika⁶³, il-portal L-Ewropa Tiegħek se jagħti aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar l-operat fi ħdan is-suq uniku. Dan se jidderieġi wkoll lill-utenti lejn l-aktar servizz ta' assistenza rilevanti. Sa Diċembru 2023, il-gateway tipprevedi wkoll id-diġitalizzazzjoni ta' 21 proċedura amministrattiva li jintużaw ta' spiss, aċċessibbiltà transfruntiera sħiħa tal-proċeduri online kollha u l-implimentazzjoni tas-sistema transfruntiera ta' darba biss.

Is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri kummerċjali (il-BRIS), li ilha disponibbli mill-2017, tikkollega r-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi taż-ŻEE u permezz tagħha l-kumpaniji u l-intraprendituri jistgħu jfittxu u jiksbu informazzjoni mingħajr ħlas dwar il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata tal-UE b'mod multilingwi u faċli għall-utenti permezz tal-Portal tal-Ġustizzja Elettronika⁶⁴.

Fil-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 ġew inklużi wkoll diversi proposti li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Pereżempju, hemm azzjonijiet tal-programm Ewropa Diġitali li huma mmirati lejn il-promozzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku u l-interoperabbiltà.

⁵⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni (COM(2017) 134).

⁶⁰ Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-elementi kostitwenti tal-Infrastrutturi tas-Servizz Diġitali tagħhom u s-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà mill-programm ISA².

⁶¹ Qed tiġi rieżaminata bl-oġġettiv li tiżdied l-effettività fil-kuntesti kummerċjali.

⁶² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni COM/2020/67 final.

⁶³ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

⁶⁴ https://e-justice.europa.eu/content_business_registers_at_european_level-105-mt.do

Il-Pakkett dwar il-Prodotti⁶⁵ jwessa' l-mandat tal-punti ta' kuntatt għall-prodotti tal-UE biex jipprovdu informazzjoni aħjar u aktar malajr lin-negozji dwar ir-regoli li japplikaw għall-prodotti tagħhom.

Nuqqas ta' koordinazzjoni biżżejjed bejn il-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, u bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali stess.

Din is-sitwazzjoni partikolari hi fattur ewlieni li jdgħajjef l-infurzar effettiv, il-fiduċja u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku. In-negozji jew il-professjonisti li jixtiequ jkabbru n-negozju tagħhom b'mod legali fi Stat Membru ieħor, igawdu li kieku jkun hemm koordinazzjoni aktar effiċjenti u effettiva.

Din il-kwistjoni hi rilevanti b'mod partikolari għall-qasam tas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti, għax il-fehmiet diverġenti tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq huma meqjusa ostaklu għall-attività transfruntiera. Jekk insaħħu l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tas-sorveljanza tas-suq permezz ta' mekkaniżmu għal kooperazzjoni mingħajr skossi fil-qasam tal-assistenza reċiproka, ikollna suq uniku aktar sikur u jitjiebu l-kundizzjonijiet kompetittivi għan-negozji.

Barra minn hekk, fil-qasam tas-servizzi, in-nuqqas ta' kooperazzjoni biżżejjed jew effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali ħafna drabi twassal biex il-fornituri tas-servizzi jġarrbu regolamentazzjoni u proċeduri restrittivi. L-iskambju limitat tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri jwassal biex ħafna drabi l-proċeduri nazzjonali ma jqisux ir-rekwiżiti li l-fornituri tas-servizzi jkunu diġà kkonformaw magħhom fl-Istat Membru tal-orijini tagħhom. Dan jiġri minkejja li bħalissa l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati japplikaw il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, skont it-Trattat u l-leġiżlazzjoni sekondarja (pereżempju skont id-Direttiva dwar is-Servizzi). Għaldaqstant, jaf ikun hemm duplikazzjoni bla bżonn tal-kontrolli u kumplessitajiet għall-fornituri tas-servizzi li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra.

L-UE żviluppat għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva, bħall-għodda tal-informazzjoni dwar is-suq intern, li tippermetti t-trażmissjoni tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet dwar sitwazzjonijiet individwali f'ambjent sigur. Bħalissa l-għodda tista' titħaddem f'14-il qasam differenti u qed tiġi estiża u mtejba b'mod kostanti. L-Istati Membri suppost jużawha b'mod regolari u bis-sħiħ.

Ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (2017/2394), li ilu fis-seħħ mis-17 ta' Jannar 2020, jipprovdi setgħat ta' infurzar aktar b'saħħithom lill-awtoritajiet nazzjonali u qafas għal kooperazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni⁶⁶.

Li tiġi indirizzata din il-kawża ewlenija f'oqsma fejn m'hemmx kooperazzjoni speċifika jew biżżejjed, hu element prominenti tal-“Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku”. B'mod partikolari, tfakkar fl-importanza li jiġi stabbilit in-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti ħalli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fis-settur armonizzat li mhuwiex tal-ikel⁶⁷.

⁶⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

⁶⁶ Dan jeħtieġ jgħin biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur meta jkun qed jixtri b'mod transfruntier (l-ostaklu nru 7) jew jeħtieġ itejjeb il-protezzjoni minn scams li joriġinaw minn postijiet ġeografiċi oħra.

⁶⁷ Minħabba r-Regolament il-ġdid tal-2019 dwar is-sorveljanza tas-suq.

Nuqqas ta' persunal jew għarfien espert biżżejjed fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali.

B'nuqqas ta' kapaċità amministrattiva biżżejjed fejn tidħol l-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq uniku, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, ma nkunux nistgħu naħsdu l-benefiċċji tas-suq uniku. Dan idgħajjef il-fiduċja pubblika fis-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta bejn in-negozji. Din il-kawża ewlenija hi rilevanti meta n-negozji jew il-professjonisti jkunu jridu jkabbru n-negozju tagħhom f'pajjiżhom jew fi Stat Membru ieħor (inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku), kif issemma kemm-il darba fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew għal għadd ta' Stati Membri.

Il-Kummissjoni ħolqot qafas komprensiv biex jassisti lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, inkluż biex titjieb il-kapaċità amministrattiva. Minbarra dan, il-Kummissjoni tibqa' tappoġġa l-professjonalizzazzjoni tal-prattikanti tal-akkwist bi programmi differenti, ngħidu aħna b'taħriġ dwar politiki favur l-SMEs f'korpi ċentrali għall-akkwisti.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal programm għas-suq uniku permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tissuġġerixxi li tingħata prijorità lill-bini tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur biex tgħinjom jiżviluppaw l-attivitajiet tal-infurzar tagħhom. Barra minn hekk, fil-“Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku” qed jiġu proposti azzjonijiet ġodda, b'mod partikolari t-twaqqif ta' network ta' kooperazzjoni bejn il-koordinaturi tal-infurzar nazzjonali fil-qasam tas-suq uniku, jew iż-żieda fit-taħriġ lill-prattikanti responsabbli mill-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku.

4. L-ambjent ġenerali tan-negozji u tal-konsumaturi fl-Istati Membri

Ħafna drabi, ħafna mill-ostakli rrapportati f'din il-Komunikazzjoni huma komuni għall-konsumaturi u għan-negozji domestiċi u għal dawk attivi minn fruntiera għall-oħra. Dawn ġejjin minn kawżi li ma għandhom l-ebda element transfruntier speċifiku, u minflok huma marbuta mal-ambjent ġenerali tan-negozji u tal-konsumaturi. Fosthom hemm it-trattament tal-permessi tal-kostruzzjoni (pereżempju fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni), ir-rekwiżiti tad-dħul u tal-eżerċizzju għal ċerti attivitajiet jew professjonijiet, il-ksib tal-elettriku, is-soluzzjoni tat-tilwim kummerċjali fil-qrati u barra mill-qrati, u l-ħlas tat-taxxi. L-analiżi tal-Bank Dinji fid-“Doing Business Survey”⁶⁸ (stħarriġ dwar it-twettiq tan-negozju) tirrifletti din ir-realtà: l-Istati Membri jistgħu jikklassifikaw tajjeb ħafna fid-dimensjoni tal-“kummerċ transfruntier”, iżda ħażin f'ostakli oħra għat-twettiq tan-negozju.

Fl-2019, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew kienu jikkonċernaw it-tneħħija tal-aktar piżijiet regolatorji u amministrattivi problematiċi, dgħufijiet fl-amministrazzjoni pubblika u fl-ambjent tan-negozju, u n-nuqqas ta' oqfsa regolatorji prevedibbli f'16-il Stat Membru. L-analiżi tas-Semestru tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitjiebu l-kwalità tal-governanza u tal-istituzzjonijiet u l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Bl-istess mod, u kif issemma qabel, ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Prestazzjoni tas-Suq Uniku jsemmi sensjela ta' indikaturi tar-restrittività f'għadd ta' oqsma b'importanza ekonomika, bħall-professjonijiet regolati u s-servizzi tal-bejgħ bl-imnut.

Il-Kummissjoni introduċiet ukoll strumenti li jipprevjenu l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali restrittivi bla bżonn. Eżempju riċenti hu d-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità, li l-Istati Membri jeħtieġ jittrasponu sat-30 ta' Lulju 2020. Id-Direttiva se teżiġi li l-Istati Membri jivvalutaw minn qabel il-

⁶⁸ Il-Grupp tal-Bank Dinji. “Doing Business 2020”.

proporzjonalità ta' kull dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, ġdida jew emendatorja, li tkun timponi restrizzjonijiet fuq id-dħul jew l-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati.

Anki l-politiki relatati mal-ħiliet għandhom rwol x'jaqdu biex jitjeb l-ambjent tan-negozju, kemm fit-tlaqqigħ tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tan-negozji, kif ukoll fit-titjib tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u ż-żieda fil-viżibbiltà u fit-trasparenza tagħhom minn fruntiera għall-oħra. L-aġenda għall-ħiliet imsaħħa għall-Ewropa li qed tinħema se tissuġġerixxi bosta azzjonijiet relatati ma' dawn l-oġettivi. Barra minn hekk, il-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li jmiss se jispeċifika l-approċċ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni legali biex l-UE tattira aħjar il-ħiliet u t-talenti li hemm bżonn fis-suq tax-xogħol tal-UE. Hija prijorità li jerġgħu jibdew in-negozjati fuq id-Direttiva dwar il-Karta Blu u li dawn jingħalqu kemm jista' jkun malajr ħalli jġu attirati ħaddiema b'ħafna ħiliet.

L-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali fiha inizjattivi speċifiċi li jindirizzaw il-ħtieġa li jitjiebu l-ambjenti nazzjonali domestiċi. Fosthom hemm il-kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" u t-tisħiħ tan-network tar-Rappreżentanti tal-SMEs, kif ukoll il-kompletezza u l-effiċjenza tal-one-stop-shops nazzjonali biex jingħata aktar appoġġ lill-SMEs li jixtiequ joperaw b'mod transfruntier.

5. Il-kawżi ewlenin li mhumiex marbuta mal-politika pubblika

Il-kawżi ewlenin tal-ostakli sottostanti mhumiex dejjem marbuta direttament mal-politiki pubbliċi, sew jekk nazzjonali u sew jekk tal-UE. Is-swieq fi Stati Membri differenti jeżistu fi ħdan kuntesti kulturali usa'. Il-preferenzi jew l-lingwi differenti tal-konsumaturi madwar l-UE jagħmlu l-attivitajiet transfruntieri aktar kumplessi. L-għażliet kummerċjali tal-partijiet privati – jew il-kwistjonijiet loġistiċi – jistgħu jispjegaw ċerti diffikultajiet li rrapportaw in-negozji, bħal meta jġu rifjutati ċerti opportunitajiet tan-negozju jew meta jsiru restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali lin-negozji tal-bejgħ bl-immnut. F'dan ir-rigward, ir-riżultati tal-inkjesta tal-Kummissjoni dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku (tal-10 ta' Mejju 2017) juru li aktar minn 11 % tal-bejjiegħa bl-immnut jirrappurtaw li l-fornituri tagħhom jimponu restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-bejgħ transfruntier.

Anki l-kundizzjonijiet ġenerali makroekonomiċi u mikroekonomiċi jistgħu jaqdu xi rwol. Minbarra dan, il-kundizzjonijiet ġeografiċi u infrastrutturali jistgħu joħolqu ostakli għall-aċċess għas-suq, pereżempju minħabba ż-żieda fil-ħinijiet tat-trasport u d-distanzi jew ostakli naturali għad-dħul.

Il-fatt li dawn il-kawżi ewlenin ma joriġinawx direttament mill-politika pubblika ma jfissirx li l-UE ma tistax tagħmel il-parti tagħha biex jġu indirizzati wħud minnhom. Fost l-oħrajn, dan hu l-każ għall-ostakli li l-kawża ewlenija tagħhom hi l-għażliet kummerċjali tal-partijiet privati, għax jekk dawn ma jkunux ġustifikati b'raġunijiet oġġettivi, jistgħu jwasslu għal qsim artifiċjali tas-suq uniku. Eżempju riċenti ta' kif l-UE tindirizza dawn il-kwistjonijiet hu r-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku⁶⁹. Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni huma eżempju ieħor. Dan l-aħħar, bħala segwitu tal-inkjesta tas-settur, il-Kummissjoni indirizza ċerti ftehimiet antikompetittivi ta' xi kumpaniji li qasmu s-suq uniku⁷⁰.

⁶⁹ Dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza s-sitwazzjonijiet deskritti fl-ostakli nru 6 msemmi hawn fuq. Ir-Regolament (UE) 2018/302 daħal fis-seħħ fit-22 ta' Marzu 2018 fl-Istati Membri kollha tal-UE u beda japplika mit-3 ta' Diċembru 2018.

⁷⁰ Biex insemmu wħud: il-prattiki ta' erba' manifatturi ta' prodotti tal-elettronika tal-konsumaturi (Asus, Denon & Marantz, Philips u Pioneer) li l-Kummissjoni wahlithom multa għaż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid ("RPM") fir-rigward ta' għadd ta' prodotti tal-elettronika tal-konsumaturi użati b' mod mifruq u (fil-każ tal-Pioneer) anki minħabba restrizzjonijiet għall-kummerċ transfruntier bejn l-Istati Membri tal-UE; il-prattiki tal-kumpanija tal-ħwejjeġ Amerikana Guess li l-Kummissjoni wahlitha multa talli, fost l-oħrajn, imponiet restrizzjonijiet fuq il-bejgħ transfruntier lill-konsumaturi (imblukkar ġeografiku kuntrattwali) u RPM; u l-prattiki ta' tliet sidien ta' ditti u

Rigward ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali, minbarra li teżiġi konformità sħiħa mal-liġi dwar il-kompetizzjoni, wara l-Komunikazzjoni tal-2018 dwar il-bejgħ bl-imnut⁷¹, il-Kummissjoni talbet lill-fornituri biex ibiddu l-approċċ tagħhom b'mod volontarju. Barra minn hekk, u qabel ma tibda tqis x'passi ulterjuri jistgħu jittieħdu, il-Kummissjoni bħalissa qed tistħarreġ kemm hu mifrux l-użu tar-restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali, liema prodotti huma affettwati, x'raġunijiet jistgħu jagħtu l-fornituri għall-użu tagħhom, kif il-kompetizzjoni bejn il-bejgiegħa bl-imnut tista' taffettwa r-restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali u x'inhu l-impatt ekonomiku fil-livelli differenti tal-katina tal-provvista u fuq il-konsumatur. Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ħtieġa għal aktar azzjoni ta' politika.

Il-programm Erasmus jgħin biex jiżdied l-għarfien tal-lingwi fost l-istudenti. Bl-istess mod, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jgħinu biex tissaħħaħ l-infrastruttura u jonqsu r-restrizzjonijiet ġeografiċi fl-Istati Membri. Dawn se jiġu kkomplementati bi programmi oħra tal-UE, b'mod partikolari bit-EUR 42,3 biljun proposti għall-programm il-ġdid tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid.

III. AZZJONIJIET EWLENIN

Din il-Komunikazzjoni, u l-inizjattivi ġodda ta' politika adottati llum, jistabbilixxu azzjonijiet ta' prijorità li jridu jitmexxew 'il quddiem b'mod konġunt mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew biex:

- jadottaw malajr il-proposti kollha tas-suq uniku, u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali rilevanti għall-gvern elettroniku, għall-finanzjament ta' standards ġodda, għodod tal-IT (bħas-sistema tal-Infommazzjoni tas-Suq Intern (I-IMI)), servizzi għaċ-ċittadini u għan-negozji (bħal SOLVIT) jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari l-programm Ewropa Diġitali u l-programm għas-Suq Uniku;
- jadottaw malajr kemm jista' jkun il-proposti leġislattivi pendenti li għandhom l-għan jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-ostakli msemmija f'din il-Komunikazzjoni, b'mod partikolari l-proposti pendenti ta' prijorità stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020.

Barra minn hekk, tistieden lill-Istati Membri biex:

- iwettqu d-dmirijiet legali tagħhom u jerfġu r-responsabbiltà tagħhom li jindirizzaw il-kawżi ewlenin li huma fil-kompetenza tagħhom, fosthom ir-regolamentazzjoni u l-proċeduri ta' piż, u jiżguraw li l-impatt negattiv tagħhom fuq is-suq uniku tal-lum u tal-ġejjieni jkun konformi mal-liġi tal-UE u f'kull każ ikun limitat;
- iżidu l-isforzi biex jikkonformaw mal-leġislazzjoni tas-suq uniku, ixejnu l-ostakli eżistenti u jevitaw il-ħolqien ta' ostakli ġodda;
- jipprovdu biżżejjed riżorsi lill-amministrazzjonijiet li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tas-suq uniku, fosthom l-awtoritajiet li jikkoordinaw il-gateway diġitali unika, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumaturi, is-servizzi ta' assistenza bħall-punti ta' kuntatt uniku, il-punti ta' kuntatt għall-prodotti jew iċ-ċentri SOLVIT;

liċenzjaturi ta' drittijiet għal prodotti ta' merchandising (Nike, Sanrio u NBC Universal) li l-Kummissjoni wahhlihom multa minħabba l-ftehimiet tagħhom għal-liċenzjar u għad-distribuzzjoni li jirrestrinġu l-bejgħ transfruntier u online ta' prodotti ta' merchandising bħal basktijiet, ġugarelli, aċċessorji tal-iskola u ħwejjeġ, maħsuba l-aktar għat-tfal.

⁷¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Settur Ewropew tal-bejgħ bl-imnut adatt għas-seklu 21", COM/2018/219 final.

- jiżguraw l-effettività tal-one stop shops ħalli b'mod partikolari l-SMEs jkunu mgħejjuna bi tweġbiet koordinati dwar ir-regoli u r-regolamenti applikabbli li jridu jikkonformaw magħhom biex jagħmlu n-negozju fis-suq uniku (transfruntier u domestiku) kif ukoll dwar l-opportunitajiet jew il-programmi tal-investment li toffri l-UE.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni se:

- tadotta minnufih Pjan ta' Azzjoni fit-Tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku⁷² biex tindirizza l-ostakli rrapportati f'din il-Komunikazzjoni, li l-kawża ewlenija tagħhom hi n-nuqqas ta' infurzar biżżejjed tal-liġi tal-UE. F'dan il-kuntest, se tinħoloq Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (is-SMET), magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.
- se tivvaluta l-ħtieġa ta' aktar azzjoni regolatorja biex jiġu indirizzati l-ostakli li jiddependu fuq kawżi ewlenin oħra li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se tirrapporta fuq ir-riżultati ta' din analiżi matul is-sena d-dieħla, anki biex tkun tista' tqis l-impatt tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni fit-Tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku.
- se tibqa' taħdem mal-Istati Membri biex tindirizza l-kawżi ewlenin tal-ostakli nazzjonali, inkluż mil-lat ta' prevenzjoni permezz, ngħidu aħna, tad-Direttiva dwar it-Trasparenza tas-Suq Uniku⁷³ u d-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità. Is-Semestru Ewropew jipprovdi qafas rilevanti ieħor biex isir il-monitoraġġ u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-ostakli u tal-intoppi identifikati f'din il-Komunikazzjoni;
- issaħħaħ il-programm REFIT, inkluż bit-tħaddim tal-approċċ "one in, one out", bl-involviment sħiħ tal-partijiet konċernati. Il-Pjattaforma "Fit for Future" se tistħarreġ kif tista' tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni eżistenti u kif jista' jkun żgurat li din tkun lesta għall-isfidi tal-ġejjieni; l-ambizzjoni hi li kull leġiżlazzjoni futura, fil-livelli Ewropej u nazzjonali, issir bil-kunsiderazzjoni tal-utent finali, billi jiġu identifikati l-ostakli potenzjali u jittaffew minn kmieni fil-proċess, pereżempju bl-użu tal-għodod diġitali.

IV. KONKLUŻJONI

B'din il-Komunikazzjoni u r-rapporti mehmuża magħha, il-Kummissjoni tieħu perspettiva differenti dwar il-funzjonament tas-suq uniku: il-perspettiva tal-utenti tiegħu. Minn din joħroġ fid-dieher li għad baqa' wisq ostakli li qed ixekklu l-funzjonament tas-suq uniku. U dan jagħmilha diffiċli għan-negozji u għall-konsumaturi. Neħtieġu rieda politika u determinazzjoni, bħal fl-1985, biex naħdmu għalenija u id f'id fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri ħalli negħlbu l-ostakli li baqa' billi nindirizzaw il-kawżi ewlenin rispettivi tagħhom. Il-pakkett ta' inizjattivi adottat illum – "L-Istrateġija Ġdida tal-Industrija għall-Ewropa", "L-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali", "Il-Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku" u din il-Komunikazzjoni – jifirxu l-pedamenti li fuqhom nistgħu nniedu mill-ġdid is-sħubija tagħna biex niżguraw li l-Ewropa tista' ġgħib tkabbir, prosperità u stabbiltà liċ-ċittadini u lin-negozji tagħha kemm f'pajjiżhom u anki madwar id-dinja.

⁷² COM(2020)94, l-10 ta' Marzu 2020.

⁷³ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.